ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 51** **IT-TLIETA 17 TA' MEJJU 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2011 fis-7.10 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi, Dennis Zammit, Thomas Harmsworth, Margaret Mercieca, Simon Vella Gregory, Angelo Briffa, Jeffrey Camilleri, Ralph Puli (7:10pm) u Jason Busuttil (7:10pm).

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**51/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 50**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 50 li nżammet nhar it-Tlieta 26 ta' April 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 50 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**51/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**51/02/01** Is-Sindku kellu kliem ta' tifħir għas-suċċess tal-attivita' ta' l-għoti ta' Ġieħ Ħal Qormi u Għarfien il-Ħila. Huwa kkummenta wkoll dwar il-problema ta' *seating* li f'ħin minnhom inqala' minħabba l-attendenza numeruża li kien hemm. Huwa fisser ukoll li l-mawra tad-delegazzjoni

Franċiża kienu ukoll suċċess, fejn dawn kellhom ħames t'ijiem attivitajiet li għalihom attendew b'entużjażmu kbir. Is-Sindku rringrazzja lil kull min ta' sehemu sabiex dawn l-attivitajiet ikunu suċċess.

51/02/02 **Is-Sindku** rrefera għax-xogħol ta' kisi bit-tarmak ta' Triq 23 ta' April li tlesta u issa qiegħed fi stat avvanzat ix-xogħol fi Triq Pinto. Huwa fisser li l-pjan tax-xogħol huwa li t-tarmac jingħata sa l-aħħar ta' dan ix-xahar. Dwar il-pavimentar ta' Triq Dun Ġwakkin Schembri, is-Sindku spjega li l-Kunsill għadu qed jistenna l-ittra ta' l-approvazzjoni tal-pavimentar minn Transport Malta, wara li kienet ingħatat l-approvazzjoni verbalment.

51/02/03 **Is-Sindku** tkellem dwar laqgħa li kellu ma' tal-Casal Fornaro, fejn attenda ukoll Father Karl Sultana. Fil-laqgħa huma qalu li l-Bread Festival din is-sena se jsir il-Ġimgħa, u l-għada s-Sibt jittella' Lejl f'Casal Fornaro, u ż-żewġ għaqdiet sejrin jikkoperaw flimkien. Id-data mressqa hija t-tielet Ħadd ta' Settembru, fejn talabhom sabiex iressqu din il-proposta tagħhom bil-miktub, kif ukoll l-kuntatt li qed jgħidu li kellhom mal-Ministeru dwar l-approvazzjoni li se jagħtihom sabiex itellgħu l-attivita' f'Settembru flok id-data uffiċjali ta' Ottubru.

51/02/04 **Is-Sindku** kkummenta dwar l-attivita' ferm tajba ta' l-iSpringFest, speċjalment l-attivita' tas-Sibt li għaliha kien hemm baħar ta' nies. Il-furnata tal-ħobża ġibdet l-interess ta' mijiet ta' nies li ħonqu t-toroq kollha. Il-Kumitat ħabrieki diġa ressaq il-kopji tal-*invoices* tal-ispejjeż għal din l-attivita'.

51/02/05 **Is-Sindku** ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill problema li tqajjmet dwar il-liċenzja tal-Gabbana ta' De La Cruz. Jirriżulta li min kien hemm imexxi l-gabbana qabel it-tender il-ġdid, ġedded il-liċenzja u qed jitlob madwar 9,300 ewro sabiex iċedi il-liċenzja. Is-Segretarju kien mitlub sabiex jikkuntattja lil tal-liċenzji dwar dan il-każ, li l-liċenzja ma tistax tkun imġedda ladarba din il-persuna waqfet topera. Is-Sindku informa wkoll li l-membri tal-Klabb tal-Football diġa bdew xogħlijiet ta' tisbiħ tal-Gabbana u daħħlu apparat ġdid għat-tisjir u diġa għamlu mat-tnax-il elf ewro spejjeż.

## 51/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' APRIL 2011

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Mejju
**b)** *Bank Payments* April 2011
**c)** *Petty Cash* April 2011

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** ssekonda.
**Ivvutaw Favur** il-ħdax-il Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 51/04 JUM ĦAL QORMI 2011

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-programm tal-Erbgħa 25 ta' Mejju, Jum Ħal Qormi, fejn sejjer ikun organizzat il-Marċ tal-Għaqdiet bil-parteċipazzjoni tat-tliet Baned ta’ Ħal Qormi. Il-marċ sejjer jitlaq miz-zuntier tal-parroċċa ta' San Ġorġ u jimxi tul Triq il-Kbira, għal Triq San Pietru fejn il-baned idoqqu quddiem l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li kienet restawrata ftit xhur ilu. Minn hemm il-marċ ikompli għal Triq il-Kbira fejn jieqaf quddiem l-istawa ta' San Pawl li ukoll kienet restawrata. Dawn kienu l-ewwel żewġ statwi li ġew restawrati bil-għajnuna ta’ fondi mill-Gvern Ċentrali u fondi tal-Kunsill. Il-Marċ jkompli għaddej għal Triq San Bastjan, fejn l-ewwel jieqaf quddiem l-istatwa ta' San Bastjan u jindaqq l-innu lil San Bastjan u tkun imbierka u nawgurata l-istatwa, li fuqha sar xogħol ta' restawr, u minn hemm il-marċ ikompli għal quddiem l-istatwa ta' San Ġorġ fejn ukull tkun imbierka u nawgurata l-istatwa. Il-Marċ ikompli għal quddiem il-bini tal-Kunsill fejn tintemm l-attivita' bl-għoti ta’ Ċertifikati u tifkira lil players tal-*Minors* li rebħu l-kampjonat u telgħu *Section* A.

Is-Sindku nnota li l-istatwa ta' San Bastjan għad fadal aktar xogħol xi jsir, fejn il-mużajk fil-parti t’isfel irid jinbidel u minflok isir bil-*hardstone*, sabiex jitnaqqas aktar l-umdita' li hemm fl-istatwa. Għal dan il-għan il-Kunsill qed iħejji sabiex joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.

Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal din l-attivita’ ta’ Jum Ħal Qormi.

## 51/05 *AUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2010*

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq u poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-*Audit Report and Financial Statements* għas-sena 2010, flimkien mal-Ittra ta’ Direzzjoni (*Management Letter*) 2010. **DOK ‘B1-2’**

Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-Ittra ta’ Direzzjoni tal-Udituri u tar-risposta li qed titħejja għall-kummenti mressqa mill-Udituri. Id-dokument finali sejjer jitressaq fis-seduta li jmiss, sabiex id-dokument jintbagħat sat-13 ta' Ġunju kif stipulat.

**51/06** **AWTORITA' TAD-DJAR**

**Is-Sindku** ppreżenta korrispondenza mill-Awtorita' tad-Djar dwar l-iskema ta' manutenzjoni tal-komun tal-binjiet. Il-Kunsill għandu kollox imħejji għal dan il-proġett, fejn jonqos biss l-aħħar ftit dokumenti tar-residenti li se jieħdu l-inkarigu li jieħdu ħsieb il-blokka tagħhom. Is-Sindku fisser li fil-ġranet li ġejjin dan id-dokument finali se jintbagħat lura lill-Awtorita' sabiex wara konferma tinħareġ it-tender għal dan ix-xogħol. **DOK 'C1-2'**

**51/07** **MEMOS 29 SA 44**

**Is-Sindku** ġibed l-attenzjoni dwar il-Memos li kull Kunsillier irċieva bl-email, b'mod partikulari għal Memo 43/2001 dwar Skemi għall-2011 u Memo 44/2011 dwar LifeLong Learning 2011 li huma ferm importanti u li l-Kunsill, bħas-snin ta' qabel sejjer jipparteċipa fihom. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jressqu suġġerimenti dwar dawn iż-żewġ memos.

**DOK 'D1-10'**

**51/08** **KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'E 1-3'**

1. Din l-Art Ħelwa/ is-Sur Victor Rizzo - dwar ktejjeb dwar Mixjiet f'Ħal Qormi. Is-Sindku ressaq din il-korrispondenza flimkien ma' kopji ta' kotba li ħarġu fuq lokalitajiet oħra. Il-Kunsill unanimament approva din l-inizjattiva, li għaliha s-Sindku fisser li is-Sur Bastjan Vella kien sejjer jgħin fit-tħejjija ta' dan il-ktejjeb mas-Sur Victor Rizzo.

2. Stedina għall-parteċipazzjoni fil-Programm KONFINI mill-Pjazza, fejn il-Kunsill unanimament approva li jipparteċipa. Dan il-programm se jittella' fl-14 ta' Ġunju fejn sejjer isir ir-rekordjar tal-programm.

3. Ismijiet Uffiċjali tal-lokalitajiet Maltin – Dokument Uffiċjali maħruġ mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

**51/09** **Il-Kunsillier Dennis Zammit** tkellem dwar il-Kunsill taż-Żgħażagħ li din is-sena kien kompost minn ħames żgħażagħ ta' sittax-il sena, fejn ħadmu u lestew u ssottomettew il-proġett li huwa bbażat fuq l-IT u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilita'.

**51/10** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-proposta li jitkompla l-kors taż-Żumba, matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

51/11 **Il-Kunsillier Jason Busuttil** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill bankina li tiżloq fi Triq Anici ħdejn il-ħanut taż-żebgħa, li tinsab ta' periklu, fejn ukoll kien hemm xi inċidenti ta' żlieq. Il-Kunsill qabel li jkun infurmat immedjatament il-Perit tal-Kunsill sabiex isir ix-xogħol meħtieġ u jitneħħa kull periklu.

51/12 **Is-Sindku** talab li joħroġ mill-kamra qabel l-intervent tal-Kunsillier Busuttil.

51/12 **Il-Kunsillier Jason Busuttil** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-ftehim tal-Kunsill mal-Għaqda tan-Nar, fejn hemm maqbul li f'Jum Ħal Qormi jinħaraq xi nar fl-attivita'. Huwa fisser li minħabba li żdiedu sew l-ispejjeż tal-*Insurance*, tal-Pulizija dwar il-post fejn jinħaraq in-nar, li jlaħħqu għal aktar minn erba' mitt euro, u għalhekk ippropona li ma jsirx ħruq tan-nar f'Jum Ħal Qormi u dawn l-fondi jintużaw f'attivita' oħra. Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil issekonda u l-Kunsill unanimament approva.

51/13 **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju 2011 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:40 ta' fil-għaxija.

Jesmond Aquilina
Sindku

John Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)